Qorti ta’ l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 4/2009AE

**James Delmar (ID 94980M) f'ismu u ghan-nom u in rapprezentanza ta' bintu Martina Frances Christine Delmar ta' sentejn u erba xhur**

**vs**

**Charlene Delmar (ID 362583 M) u Carmen Aquilina (ID 94980M)**

It-Tnejn, 22 ta’ Frar 2016.

Permezz t’avviz quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) James Delmar, talab lill-Qorti tikkundanna lill-intimati talli immalafamaw lir-rikorrenti bil-ghan li jitlef jew titnaqqaslu r-reputazzjoni tieghu anke bhala missier ta' bintu Martina attwalment ta' sentejn u erba’ xhur meta b'diversi atti gew ippubblikati jew imqassma f'Malta kitbiet u kummenti guramentati dwar fatti, agir jew imgieba mill- attur James Delmar fil-konfront tal-konvenuti u ta’ l- ghaziza bintu minuri Martina Frances Christine Delmar, li assolutament u katergorikament huma bla ebda bazi u totalment infondati kemm bhala fatti u fid-dritt. Ghalhekk talab il-hlas tad-danni skond l-Artikolu 28 tal-Kap. 248.

Il-konvenuti wieġbu li:

1. l-azzjoni attrici hija nulla abbazi ta’ l-artikolu 780 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu l-attur James Delmar m'huwiex awtorizzat sabiex jirrapprezenta lil bintu minuri f'azzjoni gudizzjarja fil-konfront ta' inter alia omm l-istess, l-eccipjenti Charlene Delmar sive Delmar Aquilina.

2. il-minuri Martina Frances Christine Delmar hija karenti mill-interess guridiku mehtieg biex tesperixxi l-azzjoni odjerna.

3. l-ebda azzjoni taht l-Att dwar l-Istampa ma tista titnissel dwar il-pubblikazzjonjiet li dwarhom qieghed jilmenta l-attur, u dan a tenur ta' l-Artikolu 33(d) tal-Kap 248.

4. il-fatti attribwiti lill-attur mill-eccipjenti huma kollha veritjeri. Il-proceduri odjerni huma intizi biss sabiex ixekklu u jostakolaw l-produzzjoni ta' xhieda fil-proceduri ta' separazzjoni personali pendenti bejn l-eccipjenti Charlene Delmar

sive Delmar Aquilina u l-attur James Delmar.

L-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel eccezzjoni; laqgħet t-tieni u tielet eccezzjonijiet u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tar-raba eccezzjoni filwaqt li ċaħdet it-talba attrici. Qalet ukoll

*"L-ispejjez kollha ghandhom ikunu a karigu ta' l-attur. Billi l-avviż tar-rikorrent kien wiehed fieragh u vessatorju, il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 10 (1) tat- Tariffa A li tinstab fi Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-attur ihallas bhala spejjez addizzjonali lir- Registratur tal-Qrati l-ammont ta' seba' mitt Euro (€700) filwaqt illi a tenur tal-Artikolu 10 (2) tal-istess Tariffa A qieghda tirreferi lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja lill-avukat ta' l-attur, ossija Dr Emmy D Bezzina, peress illi huwa kien l-avukat responsabbli illi beda tali proċeduri fiergħa u vessatorji, sabiex jigi investigat mill-istess Kummissjoni".*

Dan wara li osservat li:-

i. Mill-provi ma kienx jirriżulta li l-minuri ġiet malafamata jew inġurjata. Għalhekk ma kienx hemm raġuni ghalfejn il-kawża saret ukoll f'isimha;
ii. Il-privileġġ li jissemma fl-Artikolu 33(d) tal-Kap. 248, ma japplikax ghall-każ in eżami peress li l-ilment jitratta dwar ittra li ntbagħtet lill-puliżija sabiex jittieħdu passi kriminali kontra l-attur;
iii. L-ittri oġġett tal-kawża jgawdu minn privileġġ peress li jifformaw parti minn proċeduri ġudizzjarji li bihom ngħata bidu. Għalhekk ghandhom jittieħdu bhala dokumentazzjoni privileġġata li dwarhom ma tistax tiġi proposta azzjoni ta' libell. Dan skond l-Artikolu 33(d) tal-Kap. 248.
iv. L-azzjoni proposta mill-attur hi odjuża;

**<u>Appell tal-attur</u>**.

L-attur appella mis-sentenza. Fil-qosor l-aggravji huma:

(i) qari tas-sentenza juri li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ippreġudikata kontra r-rikorrent u l-avukat tiegħu. Din is-sentenza fiha kundanna tal-avukat li ma kienx parti fil-kawża u għalhekk is-sentenza hija nulla billi l-Qorti eċċediet is-setgħat tagħha

(ii) l-Ewwel Onorabbli Qorti dak li kellha quddiemha billi jew iddikjarat li dak li kellha quddiem ma kienx biżżejjed inkella billi ddikjarat li dak li saret riferenza għalih u ma kienx ikkontestat ma kellux x'jaqsam mal-mertu

(iii) kien ġustifikat idaħħal lil bintu għax din għandha dritt fundamentali t'aċċess għal missierha

(iv) b'danakollu diversi mħallfin ċaħdulu dan l-aċċess

(v) il-kumment li għaddiet l-Ewwel Onorabbli Qorti li l-affidavit tar-rikorrent kien ippreparat għalih juri kif il-Qorti njorat fatti li huma ċari

(vi) l-Ewwel Onorabbli Qorti injorat il-provi tar-rikorrent minkejja li l-intimati l-anqas biss ressqu provi

(vii) għalhekk messha laqgħet it-talba tar-rikorrent u dan bla riferenza għall-avukati tal-partijiet

(viii) is-sentenza ma tagħmilx sens billi ma daħlitx fid-dettal l-għala ċaħdet it-talba attriċi

(ix) ir-rikorrent ma kellux ibati l-ispejjez tal-kawża

(x) ma kellhiex tiddikjara l-avviż fieragħ

(xi) il-kundanna tal-avukat tar-rikorrent kienet ultra vires billi la saret talba jew eċċezzjoni dwarha u lanqas ġiet ittratta bejn il-partijiet

Apparti ir-raġunijiet suesposti li r-rikorrent qal espliċitament li kienu l-bażi tal-appell tiegħu, huwa adduċa raġuni oħra fil-korp tar-rikors tiegħu: li l-ittri li ntbagħtu ma kinux parti minn pubblikazzjoni ta' rapporti ta' proċedimenti ġudizzjarji imma kienu ittri mibgħuta mill-avukat tal-inimimati lill-pulizija b'rapporti foloz u għalhekk ma kienx applikabbli l-Artiklu 33 tal-Kap 248, li l-Ewwel Onorabbli Qorti tat interpretazzjoni ferm wiesa tiegħu. Barra minn hekk l-ittri ma kinux parti mill-proċeduri tal-Qorti. Tant hu hekk li l-akkużi li għamlu l-Pulizija nbnew apparti mill-kontenut tal-istess ittri.

**Tweġiba tal-appellati**.

(i) L-ewwel qorti għamlet evalwazzjoni korretta u akkurata tal-fatti in kawża u tajjeb sabet li ż-żewġ ittri kienu l-uniċi provi mressqa mir-rikorrent.

(ii) L-ewwel qorti korrettement ikkunsidrat li l-ittri huma pprivileġġjati u għalhekk ma kellha l-ebda ħtieġa li tidħol fil-mertu dwar jekk kinux veritjeri jew le.

(iii) la l-bint ma kellha tiddaħħal fil-proċeduri u lanqas Carmel Aquilina, billi din ma kinitx parti mill-ittri.

(iv) kienet korretta l-Ewwel Onorabbli Qorti li l-libell kien abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji.

**Fatti**.

L-attur (appellant) hu miżżewweġ lill-konvenuta Charlene Delmar (konvenuta), li ghaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. Jidher li l-ilment tal-appellant huma

dwar żewġ ittri legali:-

i) 14 ta' Awissu 2008 ndirizzati lill-Ispettur tal-Ghassa tar-Rabat (Malta) li ntbagħtet ghan-nom tal-konvenuta Charlene Delmar fejn saret talba biex jittieħdu proċeduri kriminali kontra l-appellant, *"....talli l-kwerelat nhar l-Erbgha 13 ta' Awissu, 2008 ghall-ħabta bejn is-6.00 pm u s-6.30 pm, huwa sforza ruhu fuqha fiżikament u abbużivament kontra l-volonta' tagħha kif kontemplat taħt Artikolu 251A tal-Kap. 9"* (fol. 27).
ii) Ittra legali ohra bl-istess data, pero' din id-darba ndirizzata lill-appellant fejn reġa ssemma l-allegat inċident tat-13 ta' Awissu 2008. L-appellant ġie nterpellat biex ma jirrepetix l-att li wettaq fl-imsemmija data u biex ma jmurx ħdejn l-appellata (fol. 28).

Fis-seduta tat-2 ta' Frar 2011 l-appellanti ppreżenta kopja ta' dawn l-ittri u ddikjara:

*".... u ngħid li fuq dawn l-ittri jiena ħassejtni libellat. Fid-dokument immarkat Dok. JD1 jiena ħassejtni malafamat għaliex hemm il-kliem illi jiena sfurżajt ruhi fuqha, fuq il-mara fiżikament u abbużivament kontra l-volonta' tagħha u dan skond l-artiklu 251 tal-Kap. 9. Fid-dokument markat Dok. JD2 jiena ħassejtni malafamat għaliex hemm indikat illi jiena sfurżajt ruhi fuq il-mara tiegħi quddiem it-tifla Martina li dak iż-żmien kellha sentejn"* (fol. 25).

Jirrizulta li b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-4 ta' April 2011, ġie ddikjarat li l-appellant ma kienx hati tal-imputazzjonijiet. Il-qorti qalet:-

*"Illi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet kontrastanti l-qorti m'hijiex propensa li tagħti iżjed affidament u kredibilita' lill-verżjoni tal-kwerelanti jew ta' ommha kif sottomess mill-prosekuzzjoni. Fil-verita' tosserva li hemm akkużi li ma ġewx sostanzjati, per ezempju dik tal-feriti ħfief jew dik tal-ksur tal-paċi pubblika; wkoll fil-konfront tal-ewwel u t-tielet imputazzjoni li huma newtralizzati mix-xhieda tal-istess kwerelanta. Frankament, dina l-Qorti fiċ-ċirkostanzi hi tal-fehma li mhux biss ma tagħtix aktar kredibilita' lix-xhieda tal-kwerelanti jew ommha iżda lanqas qegħda tara xi nkonsistenżi min-naħa tal-imputat kif isostni l-prosekuzzjoni"* (fol. 49).

Dik is-sentenza ġiet appellata u b'sentenza tas-7 ta' Diċembru 2011, il-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali. Fis-sentenza qalet:

*"Dik il-Qorti, wara li ghamlet dan l- ezercizzju, u fid-dawl tal-konflitt ta' provi li kien hemm, dehrilha li kellha taghti l-beneficcju tad-dubju lill-appellat. Din il-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlet, u wara li ezaminat akkuratament il-process kollu, ma jidhrilhiex li hemm ragunijiet serji u sufficjenti li jistghu jwassluha tiddisturba l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti".*

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**.

1. Din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Prim'Istanza li bint l-appellant m'għandha l-ebda interess ġuridiku u għaldaqstant l-aggravju f'dan ir-rigward mhux sostenibbli. L-appellant ippropona l-kawza minhabba malafama u talab lill-qorti sabiex tilliwida d-danni. F'dan kollu t-tifla tal-konjugi Delmar m'ghandha x'taqsam xejn u għalhekk qatt ma messha kienet parti fil-kawża. Proċeduri li ghall-minuri ma setgħu jagħtu l-ebda riżultat.

2. Kwantu ghal dak li ddecidiet l-ewwel qorti fil-konfront tal-avukat difensur tal-appellant, din hija materja li tinteressa biss lill-avukat.

3. Fl-affidavit l-attur ghamel riferenza ghal diversi dokumenti li skond hu fihom kliem inġurjuż fil-konfront tieghu. Hekk per eżempju semma affidavit ta' martu tat-18 ta' Novembru 2008. Dokumenti li ma ġewx eżebiti u li ghalhekk ma saritx il-prova taghhom. Waqt il-ġbir tal-provi l-attur ippreżenta biss iż-żewg ittri fuq imsemmija.

4. Il-pern tal-kwistjoni kollha hi jekk jistghux isiru proċeduri ghal malafama fir-rigward tal-ittri msemmija. L-ghan wara l-provvedimenti li jirregolaw il-malafama fl-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) hu li tingħata protezzjoni ghar-reputazzjoni tal-persuna. Pero' din m'hijiex assoluta. Il-liġi tirrikonoxxi li ċerti komunikazzjonijiet huma tant importanti li jeghlbu l-prinċipju tar-reputazzjoni. Għalhekk hemm ċerti komunikazzjonijiet li jgawdu minn privileġġ kontra azzjoni ta' malafama. L-Att dwar l-Istampa (Kap. 248) jitratta l-privileġġ kwalifikat u privileġġ assolut (ara Artikoli 28 u 33). Il-każ in eżami m'huwiex wieħed mill-każijiet li jaqa' taħt wiehed mill-imsemmija provvedimenti, u li prinċipalment jaghtu protezzjoni lill-media.

5. Fil-Kanada per ezempju l-privileġġ kwalifikat hu moghti lil min jaghmel rapport lill-puliżija u ma jkollux *malice*. Hekk per ezempju fil-kaz ***Gittens v. Brown et*** (2003) il-Qorti Suprema ta' Ontario qalet:-

   *"[28] Qualified privilege protects a person from liability for defamatory statements unless the statements were made with actual or express malice. Privilege applies when the person making the statement does so to discharge a public or private duty (either legal, moral or social duty) or to protect a private interest. The person receiving the statement must have a corresponding duty or interest in receiving the information. (See R.E. Brown, The Law of Defamation in Canada, Vol. 1 (Scarborough: Carswell, 1994) at 662.)*

   *[29] Citizens making communications important to themselves or beneficial to the public will be protected from liability if not maliciously motivated: se Corbett v. Jackson, [1884] O.J. No. 53, 1 U.C.R. 128 (U.C.C.A.). Citizens have a duty to report crimes to law enforcement officers: see Wing Lee v. Jones, [1954] 1 D.L.R. 520 (Man. Q.B.). In Crocher v. Inglis (1889), 16 R. 774 at 778 (Ct. of Sess.), Lord Shand held, "When a person has reason to believe that a crime has been committed it is his duty and his right to inform the police." The police have an interest in receiving information of a suspected*

*crime: see Wing Lee v. Jones, supra. "The police have always an interest in hearing the particulars of alleged crimes and who is suspected of having committed them:" Bowles v. Armstrong (1912), 32 N.Z.L.R. 409 at 425 (C.A.)*".

*[30] Someone who makes a statement to the police about a suspected crime is protected by qualified privilege; he or she is discharging the social duty to help in the detection of criminal activity. The police officer receiving the report has an interest in receiving the information because he or she can investigate it.*

*[31] Ghaffari wrote her letter under a qualified privilege to a police officer about a suspected crime. I have found that the defendants were not acting with malice when they made their defamatory statements. Therefore, Ghaffari cannot be held liable for damages".*

6. Fl-Ingilterra, il-Qorti tal-Appell fil-kaz **Richard Anders Westcott v. Dr Sarah Westcott**[1], b'sentenza tat-8 ta' Mejju 2008 qalet:-

"*The police cannot investigate a possible crime without the alleged criminal activity coming to their notice. Making an oral complaint is the first step in that process of investigation. In order to have confidence that protection will be afforded, the potential complainant must know in advance of making an approach to the police that her complaint will be immune from a direct or a flank attack. There is no logic in conferring immunity at the end of the process but not from the very beginning of the process. Mr Craig's distinction between instigation and investigation is flawed accordingly. In my judgment, any inhibition on the freedom to complain will seriously erode the rigours of the criminal justice system and will be contrary to the public interest. In my judgment immunity must be given from the earliest moment that the criminal justice system becomes involved. **It follows that the occasion of the making of both the oral complaint and the subsequent written complaint must be absolutely privileged**"* (enfażi miżjuda).

L-istess qorti kompliet tghid, b'riferenza ghad-dritt ghar-reputazzjoni u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:

"*In any event, I am quite satisfied that the public interest in the administration of justice does constitute a legitimate aim and the immunity does not constitute a disproportionate restriction on the right to respect for one's private life because the necessity to speak freely overrides the sanctity of a good reputation".*

*"In such cases, it is clear that a balance has to be struck between two competing demnds: the necessity for the due administration of criminal justice that complaints of alleged criminal conduct should be capable of being made to the police free from fear that the person accused will subsequently involve the complainant in costly litigation; and the countervailing consideration that no one should have his or her reputation traduced without being offered a remedy to redress the wrong. A restriction on a person's right to*

[1] Il-każ kien jitratta proċeduri ta' malafama wara li l-konvenuta rrapportat lill-puliżija li l-attur kien aggrediha. L-attur kien missier ir-raġel tal-konvenuta li kienu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. Fi stqarrija li tat lill-puliżija qalet li l-attur kien ħebb għaliha u laqat lit-tarbija li kienet fuqha. Jirriżulta li l-attur kien Justice of the Peace, u allega li b'dak li l-konvenuta qalet lill-puliżija kienet kkompromettietu fir-rigward tal-kariga li kien jokkupa.

*reputation arising under Article 8 could therefore be justified by reference to the public interest in the administration of justice, this constituting a legitimate aim, and in the circumstances the restriction is not disproportionate"* [2]

7. Fl-ordinament ġuridiku Taljan hemm l-Artikolu 598 tal-Kodiċi Penali Taljan li b'mod ċar jiddikjara li offiżi mwettqa fil-kitba jew diskors tal-partijiet jew l-avukati difensuri tagħhom fil-kors ta' proċeduri ġudizzjarji m'humiex punibbli, għalkemm il-ġudikant jista' jieħu ċerti passi dwarhom;

*"Non sono punibili le offese contenute negli scritti presentati o nei discorsi pronunciati dalle parti o dai loro patrocinatori nei procedimenti dinnanzi all'Autorità giudiziaria, ovvero dinnanzi a un'autorità amministrativa, quando le offese concernono l'oggetto della causa o del ricorso amministrativo.*

*Il giudice, pronunciando nella causa, può, oltre ai provvedimenti disciplinari, ordinare la soppressione o la cancellazione, in tutto o in parte, delle scritture offensive, e assegnare alla persona offesa una somma a titolo di risarcimento del danno non patrimoniale. Qualora si tratti di scritture per le quali la soppressione o cancellazione non possa eseguirsi, è fatta sulle medesime annotazione della sentenza".*

8. M'hemm l-ebda raguni ghalfejn din il-posizzjoni m'ghandhiex tapplika ghax-xena lokali. Kull persuna ghandha jedd taghmel rapport lill-puliżija dwar allegat reat li jkun sar fil-konfront tagħha u titlob li jittieħdu proċeduri kriminali. M'ghandux ikun li mill-bidunett persuna jkollha mannara fuq rasha bil-biza' li dak ir-rapport jissarraf fi proċeduri ta' malafama. Il-kwerela bil-miktub saret biex jinbdew proċeduri kriminali kontra l-appellant. Minghajrha ma kienux jittieħdu passi kontrih. L-appellata kellha dritt tirrapporta l-allegat aġir ta' zewġha. Hu minnu li l-appellant ġie liberat, pero' dan wara li l-qorti applikat il-prinċipju *in dubbio pro reo*. Il-fatt li l-appellat ġie liberat ma jfissirx li r-rapport li ghamlet martu kien maliżżjuż. Dan apparti li ma jkunx jaghmel sens legali jekk wiehed kellu jirraġuna li m'hemmx protezzjoni fir-rigward ta' dak li jiġri waqt proċeduri gudiżżjarji, inkluż dawk l-atti li bihom jinbdew il-proċeduri, minhabba li l-Artikolu 33(d) tal-Kap. 248 jitratta biss l-immunita' fir-rigward tal-persuni li jippubblikaw rapporti dwar proċeduri fil-qorti. Kif igawdi mmunita' min jippubblika dawk ir-rapporti, daqstant ieħor għandu jgawdi protezzjoni min hu parti ghal dawk il-proċeduri (ara sentenza tal-Prim'Awla [3] fil-kawza **Angelo Spiteri et vs Joseph Bugeja**, l-1 ta' Ottubru 2002). Fir-rigward tal-ittra legali l-ohra li ntbaghtet direttament lill-appellant u fiha saret riferenza ghall-allegat inċident, jidher li l-ittra ntbaghtet biss lill-appellant u lill-ispettur tal-puliżija. Ittra ta' twissija lill-appellant u kienet direttament konnessa mal-ittra l-ohra li ntbaghtet lill-

[2] *The Impact of the UK Human Rights Act on Private Law*, D. Hoffman, Cambridge University Press (2011), pagna 198.
[3] Imhallef R. Pace.

puliżija. In kwantu l-ittra ntbaghtet lill-ispettur tal-pulizija, japplika l-istess ragunament ta' hawn fuq.

9. Fir-rigward tad-deciżjoni tal-ewwel qorti li timponi spejjeż addiżżjonali ta' €700 a tenur tal-Artikolu 10(2) tat-Tariffa (A), fil-fehma tal-qorti ma tressqet l-ebda raġuni li tista' tiġġustifika reviżjoni ta' dik l-ordni.

**Għaldaqstant tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.